# Is-Sliem

Jannar 2007 Nru. 208

**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
9, Triq il-Parroċċa,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 02

*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

# PAĊENZJA, PAĊENZJA, PAĊENZJA!

Għall-grazzja ta' Alla, il-maġġoranza kbira tal-koppji miżżewġin jirnexxilhom jibqgħu jgħixu flimkien. Kemm ili saċerdot, assistejt għal numru sabiħ ta' anniversarji taż-żwiġijiet u qsamt il-ferħ ma' diversi koppji li, minkejja kollox, baqgħu jgħixu flimkien.

Waħda mill-mistoqsijiet li nistaqsi lill-koppji li jkunu qegħdin jiċċelebraw l-anniversarju tagħhom, hija proprju: "Kif irnexxielkom tgħixu flimkien għal dawn is-snin kollha?..." Risposta komuni li nirċievi, hi: "Paċenzja, Paċenzja, Paċenzja!!"

Meta naħseb fuq din ir-risposta sempliċi, iżda daqstant vera, tassew li qiegħed insir iżjed konvint kemm, tabilħaqq, il-paċenzja hija valur indispensabbli fil-ħajja miżżewġa.

Li tgħix ma' persuna, m'hi faċli xejn!

U, li ma kienx għal din il-virtù, konvint li ħafna kienu jqattgħu l-karti malajr! Kif, sfortunatament, qiegħed jiġri fost numru ta' koppji żgħar!

Minkejja li żewġ persuni jkunu ilhom is-snin jafu lil xulxin, huwa fatt li, jafu kemm jafu lill-persuna l-oħra, qatt ma jafu lil xulxin biżżejjed! U, għalhekk, mingħajr ma jridu u mingħajr ma jkunu jafu, tiskanta kemm, affarijiet żgħar li jintqalu jew li jsiru, jaslu li jweġġgħu, bihom, il-qalb ta' xulxin!

Iċ-ċagħak li naraw f'xatt il-baħar, ileqq u sabiħ, ma kienx hekk mill-bidu!!! Kien ġebel kollu ponot raffi; iżda, maż-żmien, iħabbtu xifer 'l hawn u xifer 'l hemm, żviluppaw f'ċagħak verament sabiħ!



*ID F'ID... ukoll wara "għomor ta' bniedem" miżżewġin: frott il-PAĊENZJA li jieħdu b'xulxin!*

**Hekk** il-ħajja miżżewġa!... Iż-żmien **biss** kapaċi jagħmilha sabiħa!

L-awgurju tiegħi jmur b'mod speċjali għal dawk il-koppji li l-paċenzja qiegħda dejjem tonqos fihom, u qegħdin isibuha diffiċli. Forsi wasal iż-żmien li jduru ftit lejn Alla u jitolbuH: "Għinna, finnuqqas ta' ħila tagħna!... Agħtina l-paċenzja neċessarja biex inkomplu ngħixu flimkien, minkejja kollox!!"

Il-Mulej iberikkom! ▮

*Fr. Daniel Cardona,*
*Arċipriet*

## ULIED IL-PARROĊĊA...

Dan **JANNAR** (2007) ifakkarna fil-**100 sena** mit-twelid tad-**Direttur ta' l-Edukazzjoni**, iż-Żebbuġi **JOSEPH PAUL (J.P.) VASSALLO** (twieled fis-**17/01/1907** u miet fit-22/03/1995).

Studja fil-Liċeo, fl-Univ. ta' Malta u fi *"Queen's College"* f'Oxford (bħala *Rhodes scholar*). F'Malta, **J.P. VASSALLO** ħadem bħala għalliem, assistent-kap u kap ta' l-iskejjel. Matul l-1949 u l-1967, kien id-DIRETTUR TA' L-EDUKAZZJONI f'Malta. Apparti fil-Malti u fl-Ingliż, kien ukoll fluwenti mmens fil-Latin, it-Taljan u l-Ispanjol; President taċ-*Circulo Hispano-Maltes*; uffiċjal tal-*British Empire*; Kavallier ta' l-Ordni Militari ta' Malta u membru tan-*National Order of Merit*. Awtur tal-kotba ta' poeżiji: "Weraq tal-Ħarifa" u "Rimi Ġodda". ▮

# BIEX TIRNEXXI L-FAMILJA

## —— Kitba ta' Dr. Phyllis Farruga LL.D ——

President Kumm. Parr. "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*"

Toni u Pawlu t-tnejn kienu ġejjin minn familji ta' ħaddiema, it-tnejn trabbew u kibru fl-istess ġâra.



*IL-QAQOĊĊA: frott ħidmet ir-raba'. Jekk jiġbdu ħabel wieħed, il-familji tagħna BĦALHA u DAQSHA jkunu magħqudin!*

Toni għex tfulitu fl-għelieqi ta' tarf ir-raħal. Missieru kien bidwi, u ommu kellha tagħtih daqqa t'id minbarra li tlaħħaq mat-tfal. Toni kien il-fustani. Mar skola ftit aktar minn oħtu l-kbira; kemm tgħallem jikteb u jaqra, u ftit somom. Pawlu ma kienx jagħmillu għajb. Ftit li xejn tgħallem aktar minn sieħbu.

Iż-żmien għadda, u d-dinja nbidlet. Ix-xjuħ għaddew għall-ħajja l-oħra u t-tfal kibru u saru rġiel. Il-kotba u l-mezzi żdiedu. U Toni u Pawlu ma baqgħux lura. Fil-post li kellhom, l-ewwel tgħallmu jittajpjaw, u mbagħad jużaw il-kompjuter, u mbagħad jikkomunikaw ma' barra bil-ftit Ingliż li kienu jafu. Il-ħbiberija sinċiera ta' bejniethom wasslithom biex jiddeċiedu li jiftħu negozju għal rashom u jaqsmu l-qligħ bejniethom. Ma fittxewx ma' xulxin. Strieħu fuq il-fiduċja ta' bejniethom u mexxew. It-tnejn kienu jifhmu sew fil-prodotti tar-raba'. Iddeċidew li jibdew ibigħu l-frott u l-ħaxix u l-inbejjed. Post kbir minn fejn jinnegozjaw ma kellhomx. Xammru l-kmiem, sbarazzaw il-garaxx ta' Toni mill-irmixk li kien inġema' fih, għammruh bil-bżonnijiet kollha u bdew ibigħu. Toni jaqdi lin-nies u Pawlu jinnegozja u jixtri. Fejn ma jasalx wieħed, ikompli l-ieħor. Kull meta tfaċċa xi għawġ, raw kif għamlu u ħelsu minnu flimkien. U n-negozju kiber u ssaħħaħ. Pawlu beda saħansitra jagħmel kuntatti ma' kumpaniji barranin biex jimporta hu stess il-prodotti li kienu jbigħu. Il-varjetà kibret ukoll. U l-qligħ kompla jitkattar. Toni ma baqax ilaħħaq waħdu mal-klijentela. Daħħlu lavrant tal-fiduċja tagħhom biex jagħtihom daqqa t'id.

...X'kien is-sigriet tas-suċċess ta' Pawlu u Toni? Il-bżulija tagħhom it-tnejn, l-inizjattiva komuni tagħhom, il-fiduċja u r-rispett lejn xulxin, is-sempliċità li bdew biha u t-tiġdid kontinwu, id f'id bejniethom, b'pass li setgħu jlaħħqu miegħu. Mexxew in-negozju tagħhom bl-istess prinċipji li tgħallmu jimxu fil-familja tagħhom.

Għax dan hu l-istess sigriet tas-suċċess tal-familja! L-għawġ u l-bsaten fir-roti u l-istinti negattivi u ribellużi u t-tbatijiet l-oħrajn, minn dejjem kienu, u dejjem se jibqgħu jheddu l-eżistenza tal-familji tagħna. Is-sigriet għandu jkun l-istess bħal ta' Pawlu u Toni – niġbdu ħabel wieħed, kulħadd bil-mod tiegħu, kemm jekk fid-dar kif ukoll barra, bis-sagrifiċċji kollha li dan jista' jinvolvi! ∎

**For Your Total Media Package, you need...**

TOTAL Mobile

Ħanut ĠDID fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ.
**Tel.: 21466990; Mob.: 9945 3560**

From Phones to Plasmas & PC's, ALL AT FANTASTIC PRICES!!

Over 90 New Models of Original Phones
**With BEST PRICES On the Island!!**

Womenswear, Childrenswear & Accessories
Visit
Nina's
Triq Tal- Hlas Zebbug
Tel:21 46 33 48 / Mob:99 44 77 12

ROBERT GAUCI
Insurance Intermediary

MIDDLESEA INSURANCE P.L.C

MIDDLESEA VALLETTA LIFE ASSURANCE CO. LTD.

VJAL IL-HELSIEN, ĦAŻ-ŻEBBUĠ
TEL: 2146 1664 9947 8757

rg@maltanet.net www.maltainsurance.com

MOTOR. HOME. HEALTH. TRAVEL.
COMMERCIAL RELATED INSURANCES

PROTECTING YOUR FAMILY FINANCIALLY
MSV LIFE ASSURANCE
MSV RETIREMENT PLANNING
MSV BABY BOND
MSV CHILD POLICY
MSV SINGLE PREMIUM PLAN

Robert Gauci is authorised to carry on insurance sub-agency activ companies are all regulated by the Malta Financial Services Authority.

MIDDLESEA VALLETTA LIFE
Assurance Company Limited
So much more to life

Middlesea Insurance p.l.c.

**Monday, Wednesday & Friday.** 9.00 till 12.00am & 4.00 till 6.30pm
**Tuesday & Thursday.** (Morning Closed) 3.00 till 7.00pm
**Saturday.** 9.00 till 12.00am

# Fil-Parroċċa Tagħna (matul l-2006)...

## *Irċevew is-Sagrament tal-MAGĦMUDIJA*



**Lulju:** Jack Livingston; Krista Muscat; Liam Fenech; Karl Desira; Angie Bonnici; Gian Paul Attard; Nevise Bugeja; Martina Farrugia; Estelle Borg; Zoey Borg; Aiden Galea; Daniel Zammit; Jessica Vella; Larisa Frendo.

**Awissu:** Karl Balzan; Luca John Cassar; Cassidy Scicluna; Nisrin Elouni, Kim Saliba; Liana Vella; Nadine Tanti; Matthew Zammit; Amy Cunnungham.

**Settembru:** Norton-Claude Cilia; David Galea; Hayden Magri; Gabriel Borg.

**Ottubru:** Pearl Bartolo; Dejan Grima; Martina Dimech; Shayzley Schembri; Colin Vella; Andrea Azzopardi; Eilbert Spiteri; Maya D'Amato; Thomas Philip Bugeja; Didier Saliba; Sharona Camilleri; James Lightfoot; Adam Benjelloun; Federico Camilleri.

**Novembru:** Max-Jules Mercieca; Gabriel Borg; Lara Arslan; Mark Anthony Spiteri; Izaak Domenici; Alexia Marie Tanti; Angie Cherret; Zachary Sammut; Elsa Mary Carachi.

***Nilqgħuhom fil-komunità tagħna!***



## *Ingħaqdu fis-Sagrament taż-ŻWIEĠ*

**Ġunju:** Isaac J. Micallef u Tiziana Tanti; Thomas Dimech u Claudia Genovese; Robert Cassar u Josephine Cilia; Robert Caruana u Suzanne Gatt.

**Lulju:** Winston Fenech u Jeanette Vella; Melvin Joseph Farrugia u Jennifer Bugeja; Jeffrey Aquilina u Redianne Vassallo; Sharon Spiteri u Johan Zammit.

**Awissu:** Mario Cardona u Tracey Maria Caruana; Omar Zammit u Alison Cortis; John Vassallo u Janie Mifsud.

**Settembru:** Pierre Borg u Priscilla Grima.

**Ottubru:** Andrew Attard u Analise Said; David Mark Scicluna u Vivienne Galea; David Cachia u Anabelle Germani; Edric Micallef u Isabelle Vassallo.

**Novembru:** David Fenech u Karen (Carmen) Degabriele; Charlo Borg u Annie Marie Camilleri.

***Nawgurawlhom!***


**TWANNY SPITERI**
**u**
**WENZU PSAILA**

**Funeral Service**

***24 Hour Service***

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.

Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168


## *Għaddew għall-ĦAJJA TA' DEJJEM*

**Ottubru:** Anthony Micallef; Giovanna Mifsud; Paul Sciortino; Filippu Cachia; M'Assunta Bonanno u Antonia Zammit.

**Novembru:** Lewis Galdes; Carmel Cassar; Philip Vassallo; Philip Tanti; Adeodato Zammit u Carmelo Farrugia.

***Agħtihom, O Mulej, il-Hena ta' Dejjem!***





# Mill-FAMILJI Tagħna... SAĊERDOZJU ġdid!



Għeżież ġenituri, rabbu 'l uliedkom f'ambjent nisrani u rawmu fihom imħabba għas-Sagramenti Mqaddsa u rispett lejn is-saċerdoti! La tbegħduhomx mill-għaqdiet reliġjużi! Ħobbu bil-fatti lil Alla u 'l-bnedmin! ... **Żerriegħa Tajba għal Saċerdozju Ġdid!**




**APAP LIFTING SERVICES**



Will help you with all your lifting needs including Furniture, Aluminium, Tiles, etc...

**Mob: 9942 2469**
**E-mail: apaplifting@gmail.com**

Up to 7 storeys high.
250kg max load.

**FUNERAL SERVICE**

JOHN SPITERI
*(TA' L-ANTENNA)*

*155,*
*TRIQ L-ISQOF CARUANA,*
*ĦAŻ-ZEBBUG*

*(BISWIT IL-KUNSILL LOKALI)*

*TEL: 2146 4286*
*(matul il-jum)*

*MOB: 7946 4286*
*(24 siegħa)*

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE

*Issetjat u Stampat: Veritas Press, Żabbar*